**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 126/2022 RM**

**Michael (K.I. 0818456M) u Maria Carmela (K.I. 34058M) konjuġi Casha**

**-Vs-**

**Ali Mohammed Said Ibrahim (K.I. 0299605L)**

**Illum, 20 ta' Novembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Michael u Maria Carmela konjuġi Casha fil-15 ta' Ġunju 2022 fir-Reġistru tal-Qorti fejn talbu illi l-konvenut Ali Mohammed said Ibrahim jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) jew somma oħra verjuri, rappreżentanti ħlas lura ta' self versat lill-konvenut brevi manu bħal imgħax. Bl-ispejjeż u bl-interessi sal-pagament effettiv u bil-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Ġunju 2023 li permezz tagħha ai termini tal-artikolu 199(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat it-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha laqgħet it-talba tal-atturi u rriappuntat il-kawża  għas-smigħ bi spejjez tal-atturi b'dan li l-istess atturi jiddepożitaw jew iħallsu fir-Reġistru qabel id-data tas-smigħ l-ispejjez kollha stabbiliti fit-tariffa li joħorġu mill-fatt tan-nuqqas ta' dehra tagħhom u tal-avukat tagħhom;

Rat illi l-konvenut ġie notifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12, kif awtorizzat fid-digriet tas-17 ta' Novembru 2022 bl-aħħar pubblikazzjoni tal-att f'gazzetta ta' kuljum issir fis-26 ta' Settembru 2022;

Rat illi minkejja li ġie debitament notifikat, il-konvenut baqa' deherx quddiem il-Qorti biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma ppreżenta ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi;

Semghet ix-xhieda tal-attur Michael Casha fis-seduta tald-19 ta' Ottubru 2023 u fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023;

Rat illi l-konvenut imsejjaħ għas-subizzjoni baqa' ma deherx fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 biex iwieġeb għall-kapitoli approvati għas-subizzjoni tiegħu;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm il-konvenut, debitament notifikat bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqa' ma ppreżentax risposta u lanqas deher quddiem il-Qorti biex jikkontesta t-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba attriċi ġiet ippruvata jew li għandha tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentement, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tieghu fil-grad probatorju mehtieg mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Issa fil-kaz in dizamina l-konvenut, wara li ġie imsejjaħ għas-subizzjoni, naqas milli jidher biex iwieġeb għad-domandi ammessi u approvati. Skont kif jirrizulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna[1], in-nuqqas mingħajr raġuni valida tas-subent li jidher u jwieġeb għall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intiżi biex jagħmlu prova tad-domanda attriċi - jitqies bhala preżunta konfessjoni.

Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss waħda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tinġieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[2] li din il-prova waħedha mhux neċessarjament biżżejjed biex tissodisfa l-piż tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-suċċess tal-pretensjoni tiegħu. Jingħad ukoll illi l-ġudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirriżulta min-nuqqas li jitwieġbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din il-preżunta konfessjoni tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirriżultaw mill-atti proċesswali, u dan in omaġġ għall-prinċipju *actor non probante reus absolvitur*.

---

[1] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et –** deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.

[2] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et –** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[3], bin-nuqqas tal-konvenut li jwieġeb għall-kapitoli, dawn :-

"*... ... ... jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti.*"

Illi fil-każ odjern, b'żieda mas-subizzjoni tal-konvenut, xehed ukoll l-attur Michael Casha fejn bil-ġurament tiegħu ikkonferma li huwa silef lill-konvenut diversi somom brevi manu fi żminijiet differenti liema somom, komplessivament, jeċċedu s-somma globali ta' €15,000. Huwa kkonferma illi minkejja dan, huwa għażel li jillimita t-talba tiegħu għall-ammont ta' €15,000 u jirrinunzja għall-eċċess biex din it-talba tinkwadra fil-kompetenza ta' din il-Qorti u mhux qorti ta' kompetenza superjuri.

Xehed illi l-konvenut kien għaddej minn żmien diffiċli u kellu vizzju tad-droga, kien jinsab f'qagħda ħażina finanzjarjament fejn anke l-mara tiegħu kienet intbagħtet il-ħabs u hu kien jitħassru. Għalhekk kien aċċetta li jagħmel karita' mal-konvenut u jgħinu billi jisilfu ammonti ta' flus perijodikalment minħabba raġunijiet differenti, fosthom biex iħallas spejjeż tal-Qorti fis-somma ta' €2,491.62 u spejjeż postali biex jintbagħtu ħwejjeġ barra minn Malta lill-qraba ta' mart id-debitur. Xehed ukoll li xi kultant kien iżomm notament tal-ammonti li kien jislef lill-konvenut u fir-rigward ipproduċa[4] kopja ta' dawn notamenti kif ukoll ta' skrittura ffirmata minnu u mill-konvenut għas-self tas-somma ta' €450[5] u abbozz ta' ftehim għar-ripagament tas-somom mislufin lill-konvenut, redatt min-Nutar Dr. Joseph Tabone fil-15 ta' Jannar 2014, liema ftehim madankollu l-konvenut ma kienx aċċetta li jiffirmah u ma riedx isib soluzzjoni dwar kif ser iħallas l-ammont lura.

[3] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.
[4] Dok. MC1.
[5] Datata 2 ta' Frar 2012.

Il-Qorti rat in-notamenti esebiti mill-attur Michael Casha u fehmet illi l-konvenut kien isellef il-flus biex jixtri ikel, mediċina, sigaretti, biljetti tal-ajru, passaporti, kotba u bżonnijiet bażiċi oħrajn fil-perijodu bejn 2012 u 2014 u anke wara. L-attur xehed illi l-konvenut kien iwiegħed li jħallas lura l-ammonti mislufin iżda qatt ma ħallas xejn u ma kienx aċċetta l-proposta tal-attur li jħallsu meta jbiegħ id-dar tiegħu.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-konvenut li, kif ingħad, mhux biss baqa' ma ressaq l-ebda provi iżda naqas ukoll milli jwieġeb għall-kapitolu approvati għas-subizzjoni tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti sejra tqis dawn il-kapitoli bħala debitament mistqarra u fil-qies ta' dan kollu, hija tal-fehma li l-atturi rnexxilehom jipprovaw b'mod sodisfacjenti u fil-grad mehtieg fil-kamp civili, illi l-ammont reklamat minnhom ta' €15,000 huwa dovut lilhom mill-konvenut.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' MICHAEL u MARIA CARMELA KONJUĠI CASHA u tikkundanna lill-konvenut ALI MOHAMMED SAID IBRAHIM iħallas lill-istess atturi s-somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) għar-raġuni indikata fir-Rikors promotur, bl-imghaxijiet mid-data tal-preżentata tar-Rikors, 15 ta' Ġunju 2022, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-istess Rikors promotur jitħallsu wkoll mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**